Ix-xebba ħarset lejna, tbissmet u qalet: "Koss iż-żgħir dejjem ħelu"; u bħal biex turina li hi kienet tħobb u mdorrija tosserva, wara l-qbiż tal-gidjien, it-tkabris tal-ġriewi, u t-tixbit tal-qtates, bdiet issemmi wkoll xi ward irqiq li jiftaħ bl-eluf mas-sisien, ma' xi gifun tas-saqwi u kull fejn isib ftit trab niedi ġo l-aħrax tal-blat: u qalet kliem għaqli fuq it-tifsila ta' dak il-ward, it-taqsim tal-weraq, il-lwien imżewqa u fuq ir-riħa ħelwa li xi drabi jarmu. Missierha, mgħaxxaq, jismagħha.

Stagħġibna, ngħidu s-sewwa, bid-dehen ta' dik ix-xbejba, xtaqnilha l-ġdid u l-hena, sellimna lill-waħda u lill-ieħor u tlaqna.

"Koss iż-żgħir dejjem ħelu". Il-kelma tat-tifla laqtitna u daħħlitna fi ħsieb: Iż-żgħir dejjem ħelu, mhux biss fil-għalqa tas-saqwi u fil-ġens ta' l-annimali, iżda wkoll fil-għalqa tal-letteratura, jiġifieri fit-tifsir bil-kitba tal-ħsebijiet u ta' l-imħabbiet ta' ġens il-bniedem.

Ħsebijiet żgħar, iżda mimlijin bid-dawl u bil-ħeġġa; dehriet ċkejkna, iżda mlewna u mżewqin tajjeb; ġrajjiet qosra, iżda mwiegħra, tal-ħajja minsuġin b'medd qawwi, tas-saħħa, u b'tagħma ta' mħabba, ta' tjieba u ta' ħlewwa, għandhom il-ħajr tagħhom u jaħdmu fuq il-moħħ u fuq il-qalb bħalma ħwejjeġ oħra rqaq jaħdmu fuq il-għajnejn u s-sensi l-oħra.

U ħafif bħal leħħa ta' berqa għadda ħsieb minn ġo ħsiebna: Fil-letteratura maltija li qiegħda tissawwar u titrawwem ġmielha għandna għadd sabiħ ta' xogħlijet, ngħidilhom hekk, tal-qabda, li riedu ż-żmien biex jinħadmu u jridu ż-żmien u l-ħsieb biex jinqraw sewwa; iżda xogħlijiet żgħar ta' poeżija, li jogħġbu u jgħallmu bla ma jdejqu, u ta' proża wtieqa li jinqraw kull waħda f'għaxra jew ħmistax-il minuta, ma għandniex.



Il-letteraturi ta' ġnus oħra kollha għandhom minn dawn il-ġabriet ta' stejjer żgħar, u huma dejjem il-għaxqa tat-tfal bejn it-tmienja u l-erbatax-il sena, u xi drabi tal-kbar ukoll. Ġnien qatt ma hu sħiħ u mimli jekk mal-ward il-kbir ma hemmx iż-żgħir ukoll. Tgħid ikollna min jindaħal għal dan ix-xogħol ta' fejda u ta' thennija? Naħseb li jkollna.

Xogħol ftit iebes, għax mhux għalkemm tikteb storja ċkejkna jew ħrafa li tkun imdaqqsa mal-ħsieb, imżewqa fil-lwien, ħelwa fil-gost u fuq kollox bnina fit-togħma li tħalli; imma fost iż-żgħażagħ imrawma, li jixtiequ jagħtu xejra tajba liċ-ċkejknin fil-ġibdiet tal-qalb, u fit-tiswir tal-ħsieb, nittamaw li jkun hemm min jindaħal u jindaħal bil-fehma li jirnexxi.

Dan hu li b'qalbna kollha nixtiequ.

# IL-GWERRA

Meta quddiem għajnejja taqa' l-qerda,  
Is-serq li jsir, il-ħażen u l-mibegħda,  
Il-għaks u l-ġuħ li ġġib; familji mxerrda  
Mill-mewt beżgħana, jiġru b'qalb imriegħda,

Nisħtek, ja Gwerra. Int ma tafx bi ħniena.  
Bil-għajb tad-demm tebbajt il-ġieħ taż-żmien  
U bdilt fi dbiba l-bniedem. Saħta w hjiena  
Tiġbor ġo fik: int qridt l-għelm tal-ħelsien.

Nisħtek xħin nara jmutu, qtajja qtajja,  
Suldati, b'ħarsa minn ta' wġigħ u biża',  
Imma nisħtek minn qalbi xħin il-ħajja  
Nara tinqered ta' tfal żgħar u nisa.

Għatxan għall-ġid, il-ħsieb tal-bniedem sferra,  
Lil Alla nesa, u ftakar fik, ja Gwerra.

Ġużè Chetcuti